# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 7 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 20.**

**Citazz. Nru. 1587/00 JRM.**

**Anthony u Joseph Aquilina.**

**vs**

**Micro Travel and Tourism Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew;

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lill-atturi, operaturi u gestituri tal-Concord Garage is-somma ta' erbat elef erba' mija

u lira (Lm4401) bilanc minn somma akbar prezz ta' servizzi ta' garr ta' passiggieri minnhom esegwit fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta (skond kif jirrizulta mid-dokument hawn anness markat Dok. A);

Illi s-socjeta' konvenuta interpellata biex thallas dan l-ammont anke permezz ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu, 2000 b'notifika fit-8 ta' Marzu, 2000 dejjem ippromettiet li ser taghmel dan, imma sa llum ghadha ma hallset xejn;

Ghalhekk l-istess atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' erbat elef, erba' mija u lira (Lm4401) bilanc minn somma akbar prezz ta' servizz ta' garr ta' passiggieri minnha esegwit fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta;

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri legali tat-18 ta' Frar, 2000 u ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu, 2000 u tal-mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru ipprezentati fl-14 ta' Lulju, 2000 kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fl-ammisjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba ta' l-atturi** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' erbat elef, erba' mija u lira (Lm4401) bilanc minn somma akbar prezz ta' servizz ta' garr ta' passiggieri minnha esegwit fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta u bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mit-8 ta' Marzu, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7, ta' Novembru, 2000.**